

# L-ARTALI TAL-ĠNUB LI JŻEJNU L-KNSIJA PARROKKJALI TA' MARIJA ANNUNZJATA TARXIEN

Philip Grech

Għaddiet sena oħra u l-festa tal-Padruna reġgħet magħna. Għal darb'oħra qegħdin nagħtu xi tagħrif fuq l-artali tal-ġnub tal-knsija parrokkjali tagħna. Għal din is-sena ser inkompli bl-artal ta' Sant'Anna.

Fil-kampanja qrib Ħal Tarxien fl-inħawi msejħa "Ta' qussasa ta' Bulebelin". Fis-seklu sittax kien hemm knisja ddedikata lil Sant'Anna u kien jieħu ħsiebha Ġanni Sammut mill-Birgu. Din il-knisja, sa l-1600, kienet tagħmel parti mill-knejjes rurali taż-Żejtun. Quddiemha kellha wkoll ċimiterju, iżda sa l-1627 din kienet ġa ġiet ipprofanata.

Jingħad li meta nbniet l-ewwel knisja parrokkjali kien hemm altar f'ġieh San Anard, iżda sa l-1621 dan ma kienx għadu fil-parroċċa l-qadima minħabba li kien ġa sab postu fil-parroċċa l-ġdida.

F'dak iż-żmien il-kappella f'ġieh San Anard kien jieħu ħsiebha Mattew Busuttil li anke ħa ħsieb li jagħmel qabar għalih u għall-familja tiegħu f'din il-kappella. Kien saħansitra wkoll ħa ħsieb li jagħmel qabar ieħor sabiex ikunu jistgħu jindifnu n-nies fqar tal-parroċċa.

L-artal ta' din il-kappella kien tal-ġebel u fuqu kien hemm kwadru li fin-naħa ta' fuq tiegħu kien hemm il-Madonna, waqt li aktar 'l isfel kienu jidhru x-xbihat ta' San Anard u ta' San Mattew li kien qiegħed fuq il-lemin tal-Madonna.

Fis-sena 1723 insibu li din il-kappella kellha tinbena mill-ġdid u tlestiet sas-sena 1729. Għalkemm il-kwadru baqa' l-istess, għall-ħabta tas-sena 1777 fuq l-artal tqiegħed kwadru sotto titulari li kien fih ix-xbihat tal-Madonna, Sant'Anna u San Ġwakkin.

Illum dan il-Kwadru ż-żgħir spiċċa biex ħa post it-titulari ta' dan l-artal u li hu magħruf bħala l-artal ta' Sant Anna.

PINK FISH Lite LIMITED
photography & video productions
Cachia Roderick
photographer
CONTACT:
B'BUGIA 21659314
REPUBLIC SQUARE, ZEJTUN 21677212 / 99442879
e-mail: rodcac@vol.net.mt